FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 9 TA' MEJJU, 2002**

**Numru: 12**

**Avviz Nru: 489/02 JB**

**Allied Newspapers Limited**

**vs**

**Andrew Cassar, John Cassar u Rita Cassar ghan-nom tas-socjeta' "Autolink"**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm218.56c (mitejn u tmintax il-lira Maltin sitta u hamsin centezmu) ghal servizz ta' reklamar lill-konvenuti fuq ordni u nkarigu specifiku taghhom u l-konvenuti naqsu li jhallsu lis-socjeta' attrici.

Ghalkemm il-konvenuti gew interpellati biex ihallsu, inkluz permezz t'ittra bonarja fl-14 ta' Gunju 2001, huma baqghu inadempjenti fil-hlas totali hawn fuq imsemmi.

Is-socjeta' attrici ghalhekk titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' Lm218.56 (mitejn u tmintax il-lira Maltin sitta u hamsin centezmu) kif ukoll l-ispejjez, inkluz ta' l-ittra bonarja ta' l-14 ta' Gunju 2001, tal-mandat kawtelatorju prezentat kontestwalment u l-interessi mid-data ta' kull fattura sal-gurnata tal-hlas effettiv.

Ra li l- konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati;

Sema lil Dr Aaron Bugeja jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm218.56c (mitejn u tmintax il-lira Maltin sitta u hamsin centezmu) ghal servizz ta' reklamar lill-konvenuti fuq ordni u nkarigu specifiku taghhom u l-konvenuti naqsu li jhallsu lis-socjeta' attrici, bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**

**Gudikatur**